23 ta' Novembru 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

**Michael Ellul** *versus* **John Mamo**

## Danni — Spejjeż ta' Kawża Kriminali — Art. 1074 tal-Kodiċi Ċivili

*B'applikazzjoni tal-prinċipju tal-liġi li kull wieħed jirrispondi għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, min jipprovoka ġudizzju kriminali kontra xi ħadd b'qerq jew bi ħtija għandu jħallas il-ħsara li b'hekk jikkaġuna lill-imħarrek f'dak il-ġudizzju kriminali.*

*Imma jekk il-ġudizzju kriminali ma jkunx ġie kaġunat minn aġir irregolari tal-persuna li kontra tagħha jintalbu d-danni konsistenti fl-ispejjeż ta' dak il-ġudizzju kriminali, it-talba għal dawn id-danni ma hix sostenibbli. Għaldaqstant, jekk l-imħarrek fil-ġudizzju kriminali ġie mressaq quddiem il-Qorti fuq imputazzjoni li ma kienetx sorretta mill-provi, ma għandhiex il-persuna li kontra tagħha jintalbu dawk id-danni tiġi nkolpata għal dak li għamlet il-Pulizija.*

Il-Qorti;—Rat it-talba tal-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas is-somma ta' £1. 16. 8, spejjeż inkorsi mill-attur fil-kawża "Il-Pulizija vs. Michael Ellul", deċiża mill-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja fit-12 ta' Ġunju 1957, relativa għat-tibdil fil-faċċata tal-fond f'St. Edward Street kantuniera ma' Pretty Bay, Birżebbuġa (Dok. A. B u C), billi, bi skrittura lokatizja tat-2 ta' Mejju 1955 il-konvenut, inkwilin tal-fond fuq imsemmi, obliga ruħu li l-alterazzjonijiet fil-bini għandhom isiru għas-spejjeż tiegħu (Dok. D eżibit b'animu li jiġi ritirat). Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra privata interpellatorja għall-pagament;

Rat l-eċċezzjoni tal-konvenut, li s-somma mitluba mhix dovuta, għax provokata mill-istess attur, billi ma ottemperax ruħu mal-liġi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Settembru 1957, li biha laqgħet l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut, u konsegwentement ċaħdet l-istanza attriċi; bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi evidentement l-azzjoni odjerna hija bażata fuq id-dispost tal-art. 1074 tal-Kodiċi Ċivili, li kull wieħed jirrispondi tal-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu;

Illi, b'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju, ġie ritenut, fil-kawża "Giuseppe Barbara vs. Antonio Cordina", deċiża mill-Qorti tal-Appell fiż-17 ta' Frar 1928 (Vol. XXVII-I-72), li min bil-qerq jew bi ħtija jipprovoka ġudizzju kriminali kontra xi ħadd, għandu jħallas il-ħsara li jġib lill-imħarrek (ara wkoll P.A. "Pace utrinque", 6.12.1934, Vol. XXIX-II-145);

Illi, kif stabbilit f'diversi pronunċjati tal-Qrati Taljani, li nterpretaw l-artikolu 1151 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, sostanzjalment identiku għall-art. 1074 tagħna, din ir-responsabilità "esiste tanto nei casi di reati perseguibili a querela di parte quanto in quelli di reati d'azione pubblica" (Fadda, Giurisprudenza sul Codice Civile, Vol. V, paġina 629, para. 3142);

Illi, kif jidher mid-Dokument "A" anness mal-avviż, l-attur ġie mħarrek f'sedi kriminali fuq l-imputazzjoni li huwa f'Birżebbuġa, bħala sid tad-djar no. 21/25 St. Edward Street, naqas li jibdel il-faċċata tal-istess djar skond id-diżinn approvat mill-Board tal-Estetika. Issa, huwa magħruf li f'każijiet simili ebda individwu ma jinġieb quddiem il-Qorti jekk mhux meta huwa jonqos li jottempera ruħu mal-intima magħmula lilu mill-Pulizija (li verosimilment saret

ukoll fil-każ preżenti) u jħalli jgħaddi inutilment iż-żmien lilu akkordat;

Illi dan juri li l-proċess kriminali, li in konnessjoni tiegħu l-attur għamel l-ispejjeż reklamati f'din il-kawża, ma ġiex provokat bl-ebda mod mill-konvenut; anzi seta' jiġi faċilment evitat mill-istess attur, billi jagħmel huwa nnifsu x-xogħolijiet meħtieġa, u wara, jekk deherlu li kellu xi dritt, jipproċedi kontra l-konvenut quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti;

Illi ġie dikjarat mill-attur li l-kawża kriminali ndikata fl-avviż spiċċat bil-liberazzjoni tiegħu. Dan ovvjament ifisser li l-attur, bħala proprjetarju, jew ma kienx tenut jeżegwixxi l-alterazzjonijiet in kwistjoni, jew li kien eżegwihom skond il-liġi. Imma jibqa' dejjem li l-liberazzjoni tal-attur timporta li l-kawża kriminali ma tista' qatt tiġi mputata għal xi qerq jew ħtija tal-konvenut;

Illi, indipendentement mill-premess, għandu jiġi osservat li fil-patt nru. 7 tal-iskrittura lokatizja tat-2 ta' Mejju 1955 jingħad li, jekk l-inkwilin ikun irid jagħmel xi alterazzjonijiet fil-bini, għandu javża lill-lokaturi. Din il-klawsola ma timponix obligu fuq l-inkwilin li jagħmel it-tibdil strutturali ordnat mill-awtoritajiet kompetenti, iżda biss tillimitalu d-dritt li, meta u jekk ikun irid jagħmel ix-xogħlijiet relativi, għandu javża lill-lokaturi u jinkarika perit magħżul minnhom;

*Illi huwa elementari li "per dare luogo a responsabilità* è necessario che esista un rapporto di causa ed effetto tra il fatto illecito e il danno" (Fadda, op. cit., paġ. 721) para. 4826). Iċ-ċirkustanzi tal-każ, fuq dettaljatament esposti, juru li jonqos dan in-ness indispensabbli bejn dak li għamel il-konvenut u d-dannu soffert mill-attur, konsistenti fl-erogazzjoni tal-onorarju lid-difensur tiegħu; u dan bla ma wieħed jerġa' jirripeti li, għar-raġunijiet qabel rilevati, ma jissussisti ebda fatt illeċitu da parti tal-konvenut;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u ċ-ċitazzjoni li biha talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti, brevement, kienu dawn. L-appellant jikri minn għand l-attur il-fond no. 99 Pretty Bay, Birżebbuġa, li għandu anki tliet bibien nri. 21, 23 u 25 fuq St Edward Street. L-appellat għamel xi alterazzjonijiet, ċjoè kellu tliet twieqi fuq din it-triq tal-aħħar u għamilhom armaturi. Hu jgħid li għamel dawn l-alterazzjonijiet bil-permess tas-sid, iżda dan jiċħad li ġie mistoqsi, u "multo minus" li ta l-permess. Il-Pulizija ħarġet kontra l-attur iċ-ċitazzjoni kriminali, eżibita in kopja fol. 2, li fiha jingħad hekk:— "Billi int akkużat li f'Birżebbuġa, bħala sid tad-djar nri. 21/25 St. Edward Street, inqast li tbiddel il-faċċata tal-istess djar skond id-diżinn approvat mill-Board tal-Estetika";

In-numri ndikati huma dawk tal-fond mikri lill-appellat;

Din iċ-ċitazzjoni kriminali ġiet deċiża fis-sens li l-appellant ġie assolt. Kien ġie nġunt bħala xhud, u xehed f'dik il-kawża, l-appellat, li, safejn wieħed jista' jiġġudika mill-inkartament lakoniku tal-kawża kriminali, irnexxielu jissodisfa lill-Maġistrat li ttibdil kien sar skond id-diżinn approvat mill-Awtorità. Jista' wkoll jidher verosimili, mix-xhieda tal-appellat fol. 20 kombinata ma dik fol. 21 tergo u 22, li l-Pulizija kellha fi ħsieba, meta ħarġet iċ-ċitazzjoni, mhux it-tibdil li għamel l-imputat, imma xi tibdil li sar f'xi tieqa ħdejn dawk tal-appellat, fil-fond, ukoll tal-appellant, mikri lil ċertu Muscat. Fil-kawża kriminali l-attur kien assistit minn avukat, u issa qiegħed jitlob minn għand il-konvenut ir-rifużjoni tal-ispejjeż relattivi fit-taxxa fol. 3. Qabel iċ-

ċitazzjoni, kif deher mill-provi (Spett. Mifsud Tommasi fol. 30 u xhieda tal-attur u martu fol. 21-21 tergo), ma ġiex mibgħut avviż mill-Pulizija. Għalhekk ma jistgħax jiġi avanzat l-argument li l-attur seta' evita l-kawża kriminali billi, meta rċieva l-avviż, kien imissu ħa l-informazzjonijiet okkorrenti minn għand l-appellat biex mbgħad jirregola ruħu mal-Pulizija, li allura ma kienetx toħroġ iċ-ċitazzjoni;

Langas hija importanti l-kwistjoni jekk l-attur tax jew ma tax permess lill-appellat biex jagħmel dak it-tibdil; għax anki kieku wieħed kellu jgħid, għal sempliċi grazzja ta' argument, li t-tibdil sar bla permess, din kienet tkun kwistjoni rilevanti biss fir-relazzjonijiet ċivili privati bejn il-kontendenti, imma ma jistgħax jingħad li b'daqshekk ġie provokat il-proċess kriminali, ladarba l-appellat kien għamel it-tibdil mhux kontra l-Liġijiet tal-Pulizija, peress li ssodisfa lill-Maġistrat li t-tibdil kien sar skond id-diżinn approvat, u ladarba ċ-ċitazzjoni aktarx saret bi żball, minħabba li l-Pulizija skambjaw it-tieqa ta' Muscat mat-tieqa tal-appellat, kif ingħad fuq. Kien ikun divers il-każ kieku l-appellat, bil-permess tal-appellant jew mingħajru, għamel xi tibdil mhux skond il-liġi u ġie kundannat l-appellant; għax allura kien ikun tassew il-każ li jingħad li l-aġir irregolari tal-appellat ikkaġuna l-ispiża lill-appellant. Għalhekk, għall-finijiet tat-talba ma għandhiex importanza l-klawsola sebgħa tal-kirografu fil-fol. 5, li, kif jidher mit-termini tal-avviż, hi meqgħeda a bażi tal-istanza;

Langas jista' l-appellant jgħid li, kieku l-appellat talbu permess għat-tibdil, u kieku hu rrifjutalu dan il-permess u t-tibdil ma sarx, allura l-kawża kriminali ma kienetx issir; għax, kif ingħad, il-Pulizija bilfors skambjat it-tieqa ta' Muscat mat-twieqi tal-appellat, peress li, kwantu għat-tibdil magħmul mill-appellat, żgur ma kienetx tipproċedi bl-imputazzjoni li t-tibdil ma sarx skond id-diżinn, ladarba fil-fatt sar skond id-diżinn;

Biex wiehed jipperswadi ruhu li l-appellat ma għandux ikun ritenut responsabbli għall-ispiża li nkorra l-attur, u li huwa issa qiegħed jirreklama, bizżejjed wieħed jirraġuna li ma kienx l-appellat, imma l-Pulizija li għamlet imputazzjoni li ma kienetx sorretta bil-provi, anzi li ġiet evidentement eskluża; u l-appellat ma jistgħax jiġi nkolpat għal dak li għamlet il-Pulizija;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi. Salvi r-rapporti lokatizji bejn il-partijiet.